# Kuntatt

## ...ma' l-iskola t'ibnek





Sa mill-ewwel ġurnata li dħalna lura l-iskola wara l-vaganzi tal-Milied ġbidna l-attenzjoni ta' l-istudenti li fi żmien xahar kienu ser ikunu qed jagħmlu l-eżamijiet ta' nofs is-sena.

Dan għamilnieh għaliex għalkemm nifhmu li l-eżamijiet m'humiex kollox fil-ħajja, nemmnu li għandhom skop siewi fil-proċess edukattiv. L-eżamijiet jgħinu lill-għalliema, lill-ġenituri u lill-istudenti jifhmu x'inhu meħtieg li jsir biex jitjieb it-tagħlim.

Bħal kull ħaġa oħra fil-ħajja, l-eżamijiet jitolbu preparazzjoni tajba biex nieħdu l-frott meħtieġ minnhom. Bl-ebda mod m'aħna qed ngħidu li għandna nistudjaw għall-eżami. Anzi ngħidu li fil-ħajja ta' l-istudent l-istudju għandu jkun parti mir-rutina ta' kuljum.

Madanakollu l-eżamijiet jitolbu preparazzjoni aktar fil-fond minn sempliċi rutina. Jitolbu l-impenn sħiħ ta' l-istudent. Iżda l-għajnuna tagħna l-kbar (għalliema u ġenituri) m'għandhiex tonqos.

Bħala skola minbarra li ħdimna fuq dak li huwa kontenut ħadna ħsieb naħdmu fuq l-hekk imsejħa "study skills". Dan sar l-aktar permezz ta' l-għalliema tal-PSD li barra li ħadmu ma' l-istudenti waqt il-lezzjonijiet ħadmu ukoll mal-ġenituri ta' l-istudenti kollha.

Filwaqt li ntennu l-ħtieġa li l-ġenituri għandhom jaraw li l-istudju għall-eżamijiet isir minn kmieni u b'impenn, huwa daqstant ieħor importanti li ma ssirx pressjoni żejda fuq l-istudenti.

*J. Micallef*
*Kap ta' l-Iskola*

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

## Editorjal

# L-użu ta' l-Internet

L-internet jista' jkun ta' għajnuna kbira għat-tfal tagħna, speċjalment fix-xogħol ta' l-iskola. Iżda, bħala ġenituri għandna r-responsabbilta` naraw li wliedna qegħdin jagħmlu użu tajjeb minnu.

Tajjeb li ninteressaw ruħna f'dak li jkun qed jagħmel it-tifel fuq l-internet, l-aktar meta dan jidħol f'xi *chat room*. Lit-tifel għandna ngħallmuh ukoll biex ma jagħti qatt dettalji personali tiegħu jew ta' xi ħadd mill-familja fuq l-internet, u lanqas m'għandu jibgħat ritratti lil nies li ma jafx. L-internet huwa milħuq minn kulħadd, u xi ħadd li qed jgħid li għandu tnax-il sena fir-realta` jkollu ħamsin!

Niftakru wkoll li mhux kull ma nsibu fuq l-internet huwa vanġelu u għandna niggwidaw lit-tifel biex juża materjal pubblikat minn organizzazzjonijiet serji. Għajnuna oħra li tgħinna nipproteġu lit-tfal tagħna minn użu mhux xieraq ta' l-internet, huwa programm magħruf bħala *blocking software/filter* - sistema li tikkontrolla materjal li ma jkunx adattat għat-tfal, bħal materjal ta' natura vjolenti u sesswali.

Fl-aħħar, ma ninsewx li l-użu eċċessiv tal-kompjuter ma jagħmilx ġid. Importanti nħajru lit-tfal biex minbarra l-kompjuter jaqbdu xi passatemp ieħor, idealment xi attivita` fiżika. Sigħat twal quddiem il-kompjuter inaqqsu wkoll l-opportunitajiet fejn it-tifel jissoċjalizza ma' ħaddieħor - iż-żejjed ħu n-nieqes! Saħħiet

**Bord Editorjali**: *D. Agius Muscat, P. Callus, G. Micallef, M. Zahra Sacco*
**Disinn**: *R. Mamo, D. Parnis*

## Żjara ta' studenti tal-Year 6 fl-iskola tagħna

F'Diċembru tellajna l-ewwel attivita` biex l-istudenti ta' l-iskejjel primarji tal-Kulleġġ għall-bidla minn skola Primarja għal dik Sekondarja. L-istudenti subien ġew l-iskola tagħna u bdew billi attendew u pparteċipaw għal-lezzjonijiet tal-lingwi. F'dan il-ħin il-ġenituri tagħhom kellhom laqgħa mal-*Counsellor*. Fit-tieni parti tal-jum, il-ġenituri ngħaqdu ma' wliedhom u flimkien attendew u pparteċipaw f'lezzjonijiet ta' *Home Economics*, *Design and Technology* u *Graphical Communication*. Fl-aħħar saret evalwazzjoni tal-jum fis-sala.

*L-Għalliema tal-Guidance Services*

## *Xogħol ta' volontarjat – Help Guys*

Din is-sena grupp ta' studenti ingħaqdu flimkien biex jiffurmaw grupp li jagħmel xogħol ta' volontarjat. Il-grupp jismu 'Help Guys' u l-ħsieb tiegħu hu li jrawwem fit-tfal sens ta' altruwiżmu u solidarjeta`.

Fi żmien il-Milied, dan il-grupp mar l-isptar San Luqa u kanta għanjiet tal-Milied lil tfal u anzjani rikoverati. Kienet esperjenza sabiħa – kemm għall-istudenti kif ukoll għall-pazjenti li kellhom iqattgħu ż-żmien tal-Milied fl-isptar.

*S. Bezzina, D. Diacono*

## *Attivitajiet tal-Milied – Għalliema*

Għal darb'oħra l-għalliema tal-Kulleġġ ħadu ħsieb li jtellgħu pantomima tal-Milied għall-istudenti. Din is-sena saru tliet rappreżentazzjonijiet ta' Rumpilstilskin, tnejn filgħodu għall-istudenti u oħra filgħaxija għall-ġenituri.

*M. Zammit, K. Scicluna*

## *Attivitajiet tal-Milied – Studenti*

Għat-tieni sena konsekuttiva, reġa' ġie mtella' l-kunċert tal-Milied. Il-programm kien fih *items* varji biex jolqtu l-gosti u t-talenti differenti li kien hemm fost it-tfal magħżula; kant, żfin, daqq ta' strumenti, reċtar u filmati. Il-maġġoranza tax-xogħol sar mill-istudenti nfushom fejn saħansitra ħadu ħsieb il-preżentazzjoni tal-programm, is-*sound* u kull lat tekniku li kien hemm bżonn.

*N. Gafa`, R. Mamo, D. Parnis*





# *Programm ta' l- Eżamijiet*

| | | **L-Erbgħa 7 ta' Frar** | **Il-Ħamis 8 ta' Frar** | **Il-Ġimgħa 9 ta' Frar** | **It-Tnejn 12 ta' Frar** |
|---|---|---|---|---|---|
| FORM 1 | L-1 sessjoni | Orali tal-lingwi | Lingwi | Malti | Ingliż |
| | It-2 sessjoni | | Ġeografija | Reliġjon | Studji Soċjali/ Env Studies |
| FORM 2 | L-1 sessjoni | | Malti | Lingwi | Matematika |
| | It-2 sessjoni | | Studji Soċjali | Ġeografija / Env Studies | Reliġjon |
| FORM 3 | L-1 sessjoni | Orali tal-lingwi | Ingliż | HE / TD / DT / PE / BS / CS | Malti |
| | It-2 sessjoni | | Reliġjon | Studji Soċjali | ICT |
| FORM 4 | L-1 sessjoni | | Matematika | Ingliż | HE / DT / TD / PE / ES / CS |
| | It-2 sessjoni | | Storja | Physics / SL | Ġeografija |

***It-Test tal-SSR (ICT) għall-istudenti tal-Junior Lyceum tal-Form 1 ser isir l-Erbgħa, 7 ta' Frar 2007.***

| **SESSJONI** | **ĦIN** |
|---|---|
| L-ewwel | 08:15 – 10:15 |
| It-tieni | 10:45 – 12:15 |
| VIP - Ingliż | 08:00 – 10:15 |
| **BREAK** | 10:15 – 10:45 |

**Fi żmien l-eżamijiet it-trasport lura jkun:**

Mill-Ħamis 8 ta' Frar
sa l-Erbgħa 14 ta' Frar
12.30 p.m

Il-Ħamis 15 ta' Frar
10.30 a.m

# *Nofs is-Sena – Frar 2007*

| | | **It-Tlieta, 13 ta' Frar** | **L-Erbgħa, 14 ta' Frar** | **Il-Ħamis, 15 ta' Frar** | **Il-Ġimgħa 16 ta' Frar** |
|---|---|---|---|---|---|
| FORM 1 | L-1 sessjoni | Matematika | HE/ TD/ DT | Xjenza / SL | |
| | It-2 sessjoni | Storja | ICT | | |
| FORM 2 | L-1 sessjoni | Ingliż | ICT | HE / TD / DT | Orali tal-lingwi |
| | It-2 sessjoni | Xjenza / SL | Storja | | |
| FORM 3 | L-1 sessjoni | Lingwi | Matematika | Storja / Env Studies | |
| | It-2 sessjoni | Ġeografija | Physics / SL | | |
| FORM 4 | L-1 sessjoni | Malti | Studji Soċjali | Lingwi | Orali tal-lingwi |
| | It-2 sessjoni | ICT | Reliġjon | | |

***Waqt l-orali, l-istudenti huma mitluba jkunu l-iskola nofs siegħa qabel l-appuntament. Mhux ser ikun hemm trasport provdut f'dawn il-jumejn.***

| **Taqsir il-kliem** | **OPTION B** |
|---|---|
| HE | Home Economics |
| TD | Technical Design |
| DT | Design & Technology |
| CS | Computer Studies |
| BS | Business Studies |
| PE | Physical Education |
| SL | Scientific Literacy |

# "Mama`, jiena mhux bħall-oħrajn?"

Hekk staqsa Paul lil ommu lejla minnhom. Paul kien isofri minn kundizzjoni li ma kinitx tippermettilu jiġri u jilgħab bil-ballun ma' sħabu ta' l-iskola. Xi drabi kien iħossu qed jgħix għalih waħdu. Imma omm Paul, ta' mara b'rieda soda, kienet tkun taf kif għandha tgħolli l-moral ta' binha.

'Inti mhux bħat-tfal l-oħra tmur l-iskola, Paul? M'għandekx għalliema u *facilitator* li jħobbuk daqs li kont binhom? M'għandekx ħbieb li joqogħdu jilagħbu miegħek u li dejjem lesti sabiex jgħinuk?' U Paul kien jerġa' jrabbi l-kuraġġ u terġa' tfiġġ fuq wiċċu dik it-tbissima li ssaħħrek.

L-iskola tagħna trid tara li kull student bi bżonnijiet speċjali jħossu maħbub u parti integrali mill-ħajja fl-iskola. Ma teżisti l-ebda formula maġika li tiżgura dan, iżda l-iskola qiegħda taħdem bis-sħiħ biex jiġri hekk.

Għaldaqstant, żewġ gruppi ta' għalliema qegħdin jiltaqgħu kull ġimgħa bħala parti mill-Pjan ta' Żvilupp ta' l-Iskola biex jifformulaw strateġija effettiva u professjonali bil-ħsieb li jiżguraw li kull student jingħata l-opportunita` jiżviluppa t-talenti u l-ħiliet tiegħu.

L-għan aħħari huwa li tinħoloq kuxjenza fl-iskola biex l-għalliema, il-*facilitators* u l-istudenti flimkien, jaġixxu flimkien biex l-iżvilupp sħiħ ta' l-istudenti bi bżonnijiet speċjali jkun kontinwu u garantit.

Matul l-ewwel tliet xhur ta' din is-sena skolastika, kien hemm inizjattivi oħra biex tissaħħaħ l-edukazzjoni inklussiva fl-iskola. Tkellmu bosta għalliema, fosthom tal-PSD dwar id-drittijiet ta' l-istudenti bi bżonnijiet speċjali. Ittellgħet wirja fil-*foyer* dwar il-bżonn li kull individwu, irrispettivament mill-kundizzjoni fiżika jew mentali tiegħu, igawdi minn drittijiet ugwali.

Jidher ċar li l-iskola qed tieħu l-edukazzjoni inklussiva b'serjeta` u se tagħmel dak kollu possibbli biex Paul, li semmejna fil-bidu ta' l-artiklu, mhux biss ma jiddubitax mill-fatt jekk jistax ikun bħal studenti oħra, iżda jibda jħossu importanti u meħtieġ fid-dinja ta' madwarna.

*R. Muscat*
*Assistent Kap*

***N.B. L-isem ta' Paul huwa wieħed fittizju u ma jirreferi għal ebda student fl-iskola tagħna.***

# Rokna ta' tagħlim flimkien ma' Saħħa u Sigurta`

Is-sena t-tajba ħbieb. Kif qattajniehom il-vaganzi tal-Milied? Irnexxielkom iżżommu ma' dawk il-gwidi li qsamna magħkom jiena u oħti Sigurta`? Jekk iva żgur li gawdejtu aħjar u persważi li ma ddispjaċikomx. Taħseb bħali Sigurta`?

**Sigurta`:** Jiena ċerta li sħabna l-istudenti huma bil-għaqal u intelliġenti biżżejjed sabiex pariri siewja jirriflettu fuqhom u jiprattikawhom. Saħħa, fuq liema tema ser niffukaw illum?

**Saħħa:** Qed inxomm li hemm xi ħaġa partikolari f'moħħok, hux tassew?

**Sigurta`:** Ħeqq, ikun ħafna xieraq niffukaw fuq ftit eżempji prattiċi li jwassluna għal tħejjija kompleta ta' l-eżamijiet. X'taħseb Saħħa?

**Saħħa:** M'hawnx bħalek int oħt! Din id-darba ser niftaħ widnejja sewwa jien għax nammetti li hawnhekk għandi bżonn ta' tbeżbiża tajba.

**Sigurta`:**

- ☞ Importanti ħafna li nibdew il-preparazzjonijiet minn kmieni u ma nħallux għall-aħħar. B'hekk nevitaw stress u paniku żejjed. Ma ninsewx li rridu nkunu mentalment u fiżikament b'saħħitna biex moħħna jiffoka sew.
- ☞ Nifformulaw *time-table* sabiex nikkontrollaw u nibbilanċjaw l-istudju tas-suġġetti varji, u ma jkollniex għalfejn inqattgħu ħinijiet twal, mingħajr waqfien ta' studju.
- ☞ Biex moħħna jiffoka aktar neħtieġu li fir-rutina ta' kuljum:
  - Ninkludu kolazzjon bi prodotti varji u ta' saħħa
  - Nipprattikaw xi eżerċizzju fiżiku, bħal futbol, *basketball*, *jogging*, mixi u xi ġirja bir-rota għal madwar nofs siegħa kuljum
  - Naraw li nistrieħu biżżejjed u norqdu mill-inqas tmien sigħat kuljum
  - Innaqqsu l-ammont ta' ħin minn quddiem it-televiżjoni u l-kompjuter, b'hekk nipproteġu l-għajnejn u nużaw il-ħin prezzjuż b'aktar għaqal.

***Filwaqt li nawgurawlkom kull suċċess fl-eżamijiet, jiena u ħija Saħħa inħeġġukom tirriflettu sewwa fuq dawn il-pariri.***

*R. Zammit*
*Għalliema Saħħa u Sigurta'*

# L-EŻAMIJIET FUQ L-GĦATBA

L-eżamijiet huma parti importanti ħafna fil-proċess edukattiv ta' kull student.

Jitolbu dmirijiet differenti minn dawk li soltu aħna mdorrijin bihom matul iż-żmien li ngħaddu fl-iskola.

L-ewwel u qabel kollox hemm id-dmir li kull student iħejji ruħu tajjeb sabiex ikun jista' jkejjel dak li tgħallem u b'hekk l-eżamijiet isiru għodda għat-tagħlim.

Għalhekk infakkru li kull student hu mistenni li jmur għall-eżamijiet:

i) ippreparat tajjeb;
ii) ikollu miegħu l-materjal meħtieġ kollu sabiex ikun jista' jagħmel l-eżami b'mod regolari (bajrow, lapes, riga, gomma, temprina, kuluri, eċċ.) u bla ma jkun hemm ħtieġa li joqgħod jissellef;
iii) ma jiħux miegħu materjal li mhux meħtieġ jew li ma jistax jintuża waqt l-eżamijiet (kotba, noti, logħob, eċċ.);
iv) jasal f'ħin tajjeb sabiex ikun jista' jibda l-eżami fil-ħin u juża l-ħin kollu għad-dispożizzjoni tiegħu;
v) waqt l-eżami jikkonċentra biss fuq ix-xogħol li jkun mitlub jagħmel u ma jġibx ruħu b'mod li jtellef lilu nnifsu jew lil ħaddieħor;
vi) iżomm skiet perfett minn x'ħin jibda sa x'ħin jispiċċa l-eżami.

Il-ġenituri u l-istudenti huma mitluba jinnotaw li studenti li:

i) ma jiġux bl-uniformi sħiħa ma jitħallewx jagħmlu l-eżami;
ii) b'xi mod itellfu d-dritt ta' studenti oħra li jagħmlu l-eżamijiet f'atmosfera ta' skiet, ordni, dixxiplina u konċentrazzjoni **ma jitħallewx ikomplu l-eżami u dakinhar stess jinżammu wara l-ħin sas-sagħtejn**. Il-ġenituri jkunu infurmati b'telefonata u r-responsabbilita` għat-trasport lura d-dar tkun tagħkom il-ġenituri;
iii) jinqabdu jikkupjaw jew jippruvaw jikkupjaw ma jitħallewx ikomplu l-eżami, jinżammu wara l-ħin kif spjegat f'(ii) u fuq iċ-ċertifikat flok marka titniżżel in-nota "Ikkopja".

***Nawguraw lill-istudenti kollha s-suċċess mistħoqq!***